Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2025/2209(INI)

27.01.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-litteriżmu finanzjarju u l-preżenza dejjem akbar tal-influwenzaturi fil-qasam finanzjarju fil-kuntest tal-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti
(2025/2209(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Diana Riba i Giner

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej :

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu[1a] (AVMSD),
	[1a] ĠU L 303, 28.11.2018, p.69, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1808/oj.

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)[1a],
	[1a] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)' (COM(2022)0212),

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-28 ta' Novembru 2018 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027[1a],
	[1a] ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1.

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 22/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli",

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (li pprečieda l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media) dwar ir-regolamentazzjoni tal-vloggers,

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapporti konġunti tal-UE u tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bit-titolu "Financial competence framework for adults in the European Union" (Qafas ta' kompetenza finanzjarja għall-adulti fl-Unjoni Ewropea) u "Financial competence framework for children and youth in the European Union" (Qafas ta' kompetenza finanzjarja għat-tfal u ż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea), ippubblikati fl-2022 u fl-2023 rispettivament,

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-litteriżmu finanzjarju huwa ħila tal-ħajja essenzjali u strument fundamentali li jippermetti liċ-ċittadini jiġġestixxu aħjar il-baġit personali u tal-familja tagħhom, u jwassal għal deċiżjonijiet infurmati dwar it-tfaddil**,** l-investimenti u ***l-prevenzjoni*** tal-frodi u d-dejn eċċessiv;	A. billi l-litteriżmu finanzjarju huwa ħila tal-ħajja essenzjali u strument fundamentali li jippermetti liċ-ċittadini jiġġestixxu aħjar il-baġit personali u tal-familja tagħhom ***u li jiżviluppa permezz tal-edukazzjoni formali, mhux formali*** u ***informali, li*** jwassal għal deċiżjonijiet infurmati dwar it-tfaddil ***u*** l-investimenti u

	komprensjoni aqwa tar-riskji finanzjarji u tal-prevenzjoni tal-frodi u d-dejn eċċessiv; ***billi l-istituzzjonijiet pubbliċi, b'mod partikolari r-regolaturi tal-media indipendenti, u s-soċjetà ċivili għandu jkollhom rwol fundamentali fil-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju minn età bikrija;***

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-istħarriġ Ewrobarometru Flash tal-2023 tal-Kummissjoni juri l-ħtieġa urġenti li jissaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju fl-Ewropa, peress li 18 % biss taċ-ċittadini tal-UE juru li għandhom livell għoli ta' litteriżmu finanzjarju;	B. billi l-istħarriġ Ewrobarometru Flash tal-2023 tal-Kummissjoni juri l-ħtieġa urġenti li jissaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju fl-Ewropa, peress li 18 % biss taċ-ċittadini tal-UE juru li għandhom livell għoli ta' litteriżmu finanzjarju***, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri u l-gruppi soċjali***;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***n-nuqqas*** ta' litteriżmu finanzjarju ***jolqot b'mod sproporzjonat lin-nisa, liż-żgħażagħ u liċ-ċittadini akbar fl-età, kif ukoll lil dawk b'introjtu aktar baxx jew bi kwalifiki professjonali aktar baxxi***;	C. billi ***biex jiġi indirizzat b'mod effettiv in-nuqqas***ta' litteriżmu finanzjarju***, l-edukazzjoni finanzjarja għandha tkun imfassla apposta għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi ta' gruppi demokratiċi differenti, inkluż in-nisa iż-żgħażagħ*** u ***l-persuni b'introjtu aktar baxx jew livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni formali, li, bħala medja, għandhom tendenza li jkollhom inqas opportunitajiet biex jakkwistaw l-għarfien finanzjarju u jibnu ħiliet finanzjarji prattiċi; billi litteriżmu finanzjarju aqwa jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali, jgħin biex titnaqqas l-inugwaljanza u jappoġġja u jawtonomizza***

lill-gruppi vulnerabbli jew emarġinati;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-"influwenzaturi finanzjarji" ("finfluencers") joħloq opportunitajiet ġodda għas-sensibilizzazzjoni u l-inklużjoni, iżda jista' joħloq ukoll riskji, bħal kunflitti ta' interess, ***reklamar qarrieqi*** jew komunikazzjoni frodulenti;	D. billi f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-"influwenzaturi finanzjarji" ("finfluencers") ***jista'*** joħloq opportunitajiet ġodda għas-sensibilizzazzjoni u l-inklużjoni, iżda jista' joħloq ukoll riskji, bħal kunflitti ta' interess ***jew komunikazzjoni kummerċjali qarrieqa, moħbija jew frodulenti***; ***billi l-kontroll tal-idoneità tal-ekwità diġitali tal-2024[1a] sab li 20% tal-influwenzaturi indikaw b'mod sistematiku n-natura kummerċjali tal-kontenut kondiviż;***
	[1a] Dokument ta' ħidma tal-persunal tat-3 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "Fitness check of EU consumer law on digital fairness" (Kontroll tal-idoneità tal-liġi tal-UE dwar il-konsumatur rigward l-ekwità diġitali) (SWD(2024)0230).

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-kwalifiki professjonali u l-inċentivi ekonomiċi tal-finfluencers jistgħu jvarjaw, u għaldaqstant, sikwit jaf ikun diffiċli għall-konsumaturi li jivvalutaw l-affidabbiltà tal-kontenut tagħhom; billi xi finfluencers jiksbu r-remunerazzjoni permezz ta' sħubijiet ma' ditti jew ftehimiet ta' reklamar, li jistgħu jqajmu dubji dwar l-oġġettività tal-informazzjoni li jipprovdu lill-konsumaturi;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi f'ċerti każijiet, il-finfluencers joperaw b'mod simili għall-fornituri tas-servizzi tal-media meta jipprovdu lill-udjenzi tagħhom b'informazzjoni dwar kwistjonijiet finanzjarji, iżda mingħajr ma jaderixxu ma' strumenti regolatorji jew awtoregolatorji fir-rigward tal-istandards tat-trasparenza u kwalitattivi tal-komunikazzjonijiet kummerċjali jew l-eżattezza, l-affidabbiltà jew il-veraċità tal-kontenut ipprovdut;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi filwaqt li xi Stati Membri bdew jikkwalifikaw lill-influwenzaturi, inkluż il-finfluencers, bħala fornituri ta' servizzi tal-media fuq talba fl-ambitu tal-AVMSD, il-qafas leġiżlattiv għall-influwenzaturi fl-Unjoni jvarja;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ambjent diġitali affidabbli, inklużiv u trasparenti għall-finfluencers huwa kundizzjoni ewlenija għas-salvagwardja tal-fiduċja pubblika fix-xogħol tagħhom;	E. billi ambjent diġitali affidabbli, inklużiv u trasparenti għall-finfluencers huwa kundizzjoni ewlenija għas-salvagwardja tal-fiduċja pubblika fix-xogħol tagħhom ***u għall-minimizzar tar-riskju ta' ħsara online lill-benesseri***

finanzjarju tal-udjenza tagħhom;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza r-rabta bejn il-litteriżmu tal-media, il-litteriżmu diġitali u l-litteriżmu finanzjarju, u jirrikonoxxi li għal ħafna nies, il-kontenut tal-influencers sar is-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet finanzjarji u ekonomiċi; jissottolinja li l-litteriżmu tal-media, il-ħsieb kritiku u l-prominenza u l-ħila li tinstab informazzjoni affidabbli online huma kruċjali biex jitnaqqas ir-riskju ta' scams finanzjarji, tiġi rikonoxxuta d-diżinformazzjoni u tingħata s-setgħa lin-nies li jagħmlu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintegraw proġetti ta' litteriżmu finanzjarju adatti għall-età fil-kurrikuli tal-iskejjel, ***bħala komplement għall-edukazzjoni diġitali u b'mod parallel mal-programmi formali, filwaqt li jippromwovu inizjattivi ta' appoġġ għall-għalliema***;	2. ***Jinnota li ż-żgħażagħ għandhom aċċess għal, u qed jiġu offruti, servizzi finanzjarji f'età dejjem aktar bikrija, permezz ta' applikazzjonijiet tal-pocket money, mobiles, kontijiet bankarji, jew saħansitra karti ta' kreditu;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri jintegraw proġetti ta' litteriżmu finanzjarju adatti għall-età fil-kurrikuli tal-iskejjel ***u biex jinkludu taħriġ għall-għalliema u l-edukaturi; jenfasizza l-fatt li l-Istati Membri li jinkludu l-edukazzjoni finanzjarja fil-kurrikuli nazzjonali huma fost dawk bl-aqwa prestazzjoni fl-istħarriġ tal-UE dwar il-litteriżmu finanzjarju***;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw proġetti u taħriġ dwar il-litteriżmu finanzjarju bħala komponent importanti tal-edukazzjoni għall-adulti u tul il-ħajja, u, b'mod partikolari, jagħtu prijorità lil proġetti u taħriġ għall-gruppi vulnerabbli, filwaqt li jfakkru lin-nies biex ifittxu sorsi multipli ta' informazzjoni, jivverifikaw dak li jisimgħu u jikkunsidraw pariri professjonali qabel ma jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji sinifikanti;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jistieden lill-Istati Membri jisiltu mill-għarfien espert tar-riċerkaturi, l-edukaturi, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, kif ukoll mill-aħjar prattika, linji gwida u għodod internazzjonali, bħar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD u l-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investiment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità, meta jfasslu, jimplimentaw u jevalwaw materjali u programmi edukattivi biex jippromwovu l-litteriżmu finanzjarju;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja, permezz ta' Erasmus+, il-pjan ta' azzjoni għall-edukazzjoni diġitali, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u strumenti rilevanti oħra tal-UE, l-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ tal-għalliema u riżorsi edukattivi miftuħa li jikkombinaw il-litteriżmu finanzjarju mal-litteriżmu diġitali u tal-media; iħeġġeġ kooperazzjoni trasparenti bejn l-awtoritajiet edukattivi u l-entitajiet privati biex jiġi żgurat kontenut ta' kwalità għolja, ibbilanċjat u adattat għall-età;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinċentivaw, permezz ta' miżuri ta' politika adegwati, programmi ta' edukazzjoni finanzjarja u benesseri bbażati fil-post tax-xogħol ***biex itejbu*** t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati, b***'mod partikolari fir-rigward tal-pensjonijiet;***	3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinċentivaw, permezz ta' miżuri ta' politika adegwati, programmi ta' edukazzjoni finanzjarja u benesseri bbażati fuq il-post tax-xogħol ***li jappoġġjaw*** teħid ta' deċiżjonijiet ***sod u fit-tul, inkluż dwar il-pensjonijiet***, ***b'kooperazzjoni, fejn xieraq, mas-sħab soċjali u l-fornituri tal-edukazzjoni għall-adulti***;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Itenni*** l-ħtieġa ta' inizjattivi mfassla apposta u ffukati fuq il-komunità, u jirrifjuta l-loġika ta' "kulħadd f'keffa waħda"; ***jissottolinja s-sitwazzjoni tan-nisa***, iż-żgħażagħ u ċ-ċittadini miż-żoni rurali, u l-ħtieġa li wieħed jista' jiddependi fuq is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tal-investituri fil-livell tal-konsumatur u l-	4. ***Jissottolinja*** l-ħtieġa ta' inizjattivi mfassla apposta u ffukati fuq il-komunità, u jirrifjuta l-loġika ta' "kulħadd f'keffa waħda"; ***Jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati il-ħtiġijiet ta' edukazzjoni finanzjarja diversi ta' gruppi demografiċi differenti, inkluż in-nisa***, iż-żgħażagħ***, l-anzjani*** u ċ-ċittadini miż-żoni rurali, u l-

movimenti tas-soċjetà ċivili fl-isforz komuni biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi u proġetti konkreti li huma qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadini u tal-komunitajiet, b'mod partikolari ċ-ċittadini li huma inqas litterati finanzjarjament u, għaldaqstant, l-aktar esposti għal xokkijiet finanzjarji;	ħtieġa li wieħed jista' jiddependi fuq is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tal-investituri fil-livell tal-konsumatur u l-movimenti tas-soċjetà ċivili fl-isforz komuni biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi u proġetti konkreti li huma qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadini u tal-komunitajiet, b'mod partikolari ċ-ċittadini li huma inqas litterati finanzjarjament u, għaldaqstant, l-aktar esposti għal xokkijiet finanzjarji;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jipproponi l-ħolqien ta' netwerk pan-Ewropew ta' partijiet ikkonċernati u awtoritajiet kompetenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew biex jibnu fuq soluzzjonijiet trasversali u komprensivi konkreti biex itejbu l-livelli ta' litteriżmu finanzjarju u jwasslu għal bidliet fl-imġiba fit-tul f'oqsma bħall-ibbaġitjar, l-iffrankar u l-għażla tal-prodotti xierqa;	6. Jipproponi l-ħolqien ta' netwerk pan-Ewropew ta' partijiet ikkonċernati u awtoritajiet kompetenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew***, inkluż l-akkademja, il-forniturituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-organizzazzjonijiet tal-għalliema, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tal-edukazzjoni għall-adulti, ir-rappreżentanti taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili,*** biex jibnu fuq soluzzjonijiet trasversali u komprensivi konkreti biex itejbu l-livelli ta' litteriżmu finanzjarju u jwasslu għal bidliet fl-imġiba fit-tul f'oqsma bħall-ibbaġitjar, l-iffrankar u l-għażla tal-prodotti xierqa;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra, fl-istrateġija tal-UE dwar il-litteriżmu finanzjarju, kampanja ta' sensibilizzazzjoni permanenti, multilingwi u madwar l-Unjoni kollha, żviluppata b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet

	nazzjonali, ix-xandara tas-servizz pubbliku, in-networks kulturali, il-libreriji, l-assoċjazzjonijiet tal-ħarsien tal-konsumatur u l-organizzazzjonijiet indipendenti tal-verifika tal-fatti, bil-għan li tiżvela d-diżinformazzjoni finanzjarja, tispjega f'termini sempliċi l-funzjonament tas-servizzi finanzjarji, twissi dwar ir-riskju ta' scams finanzjarji u tenfasizza r-rwol tal-konsulenti finanzjarji professjonali;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja r-riċerka komparattiva dwar l-effettività tal-inizjattivi ta' litteriżmu finanzjarju fl-edukazzjoni formali, mhux formali u informali sabiex jiġu identifikati metodi bbażati fuq l-evidenza li jtejbu t-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji; iħeġġeġ lill-komunità ta' esperti u lill-akkademja rilevanti jesploraw aktar kif l-informazzjoni finanzjarja riċevuta permezz ta' pjattaformi online u finfluencers, inkluż il-miżinformazzjoni finanzjarja online, issawwar il-perċezzjonijiet u l-imġiba finanzjarji tal-konsumaturi;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2025 dwar Strateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju tal-UE u jieħu nota tal-erba' pilastri tagħha, u jissottolinja li inizjattiva importanti bħal din trid tiġi segwita b'miżuri konkreti	7. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2025 dwar Strateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju tal-UE u jieħu nota tal-erba' pilastri tagħha, u jissottolinja li inizjattiva importanti bħal din trid tiġi segwita b'miżuri konkreti;

malajr kemm jista' jkun;	***jenfasizza li l-implimentazzjoni f'waqtha hija essenzjali, b'mod partikolari fid-dawl tal-ambjent diġitali li qed jinbidel malajr li fih in-narrattivi finanzjarji, inkluż dawk li jitkellmu dwarhom il-finfluencers, jevolvu b'rapidità***;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej joħolqu, ***iżommu, jespandu*** u jaġġornaw regolarment repożitorju tal-UE ***aċċessibbli u li jista' jiġi mfittex*** ta' inizjattivi ta' edukazzjoni finanzjarja, ***kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, inklużi l-aħjar prattiki dwar programmi fuq il-post tax-xogħol, proġetti ta' involviment taż-żgħażagħ u approċċi bbażati fil-komunità biex jappoġġjaw l-espansjoni fuq l-eżempji tajbin tal-Istati Membri***;	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej joħolqu, u jaġġornaw regolarment ***u jespandu,*** repożitorju tal-UE ta' inizjattivi ta' edukazzjoni finanzjarja li jista' ***jsir tiftix fih, aċċessibbli u faċli għall-utent; jappella wkoll li dan ir-repożitorju jiġbor ukoll l-aħjar prattika dwar il-ġlieda kontra kontenut finanzjarju qarrieqi online, l-involviment taż-żgħażagħ fi spazji ta' apprendiment diġitali sikuri u proġetti bbażati fil-komunitàli jgħaqqdu l-litteriżmu finanzjarju, diġitali u medjatiku; jenfasizza li r-repożitorju għandu jinkludi materjali adattati għall-għalliema, il-ġenituri, il-persuni anzjani u dawk li jinvestu għall-ewwel darba***;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta, sa tmiem l-2027, dwar l-adozzjoni u l-effettività tal-Istrateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju, inkluż l-eżitu tan-network tal-ambaxxaturi, il-kodiċi ta' kondotta propost u l-kampanja ta' komunikazzjoni fl-UE kollha, u tipproponi azzjoni ulterjuri jekk jitqies li tkun	9. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta, sa tmiem l-2027, dwar l-adozzjoni u l-effettività tal-Istrateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju, inkluż l-eżitu tan-network tal-ambaxxaturi, il-kodiċi ta' kondotta propost u l-kampanja ta' komunikazzjoni fl-UE kollha, u tipproponi azzjoni ulterjuri jekk jitqies li tkun meħtieġa; ***jenfasizza li l-Kummissjoni***

meħtieġa;	***għandha tirrapporta speċifikament dwar l-impatt tal-istrateġija tagħha fuq l-udjenzi żgħażagħ u l-istudenti akbar fl-età;***

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koerenza sistematika tal-politika fir-rigward tal-litteriżmu finanzjarju, ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur, il-pjan ta' azzjoni għall-kontijiet tat-tfaddil u tal-investimenti, inizjattivi oħra tal-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, u r-regolamenti tas-suq bankarju u finanzjarju;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koerenza sistematika tal-politika fir-rigward tal-litteriżmu finanzjarju, ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur, il-pjan ta' azzjoni għall-kontijiet tat-tfaddil u tal-investimenti, ***il-qafas regolatorju u tal-politika tal-UE li jippromwovi l-finanzi sostenibbli u responsabbli,***inizjattivi oħra tal-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, u r-regolamenti tas-suq bankarju u finanzjarju;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jipproponi li jiġi varat rapport komprensiv, ikkummissjonat mill-Kummissjoni, biex jiġu identifikati l-ħtieġa u l-valur miżjud ta'*** inizjattivi leġiżlattivi mmirati possibbli biex il-leġislazzjoni essenzjali tiġi adattata għall-objettivi politiċi tat-tisħiħ tal-litteriżmu finanzjarju, diġitali, tad-data u tal-media.	12. ***Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa bir-reqqa l-ħtieġa għal*** inizjattivi leġiżlattivi mmirati possibbli biex il-leġislazzjoni essenzjali tiġi adattata għall-objettivi politiċi tat-tisħiħ tal-litteriżmu finanzjarju, diġitali, tad-data u tal-media;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

13. Jenfasizza r-rwol tal-finfluencers bħala intermedjarji emerġenti tal-informazzjoni finanzjarja rilevanti li ***jilħqu lil udjenzi żgħażagħ u li qabel ma kinux moqdija biżżejjed***; jinnota ż-żieda sinifikanti fir-responsabbiltà u fl-obbligu ta' rendikont tagħhom lejn l-udjenza tagħhom;	13. Jenfasizza r-rwol tal-finfluencers bħala intermedjarji emerġenti tal-informazzjoni finanzjarja rilevanti li ***sikwit ikollhom fil-mira tagħhom udjenzi żgħażagħ u b'introjtu baxx***; jinnota ż-żieda sinifikanti fir-responsabbiltà u fl-obbligu ta' rendikont tagħhom lejn l-udjenza tagħhom; ***jissottolinja li, għall-kuntrarju tal-konsulenti finanzjarji liċenzjati, il-finfluencers sikwit ma jkollhomx il-kwalifiki meħtieġa biex jipprovdu pariri u rakkomandazzjonijiet xierqa u l-kontenut tagħhom spiss jippreżenta l-introjtu potenzjali b'mod aktar prominenti mir-riskji, u b'hekk jesponi lis-segwaċi għall-ħsara mingħajr ma jgħinhom jifhmu għalkollox il-konsegwenzi possibbli[1a];***
	[1a] Sáez-Linero, C. u Jiménez-Morales, M. "Young, lower-class, and algorithmically persuaded: exploring personalized advertising and its impact on social inequality" Communication & Society, Vol. 38, Ħarġa 2, 2025, p. 63-80.

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-pjattaformi online kbar ħafna jieħdu azzjoni rigward l-attivitajiet tal-influwenzaturi, inklużi l-finfluencers, li jistgħu jiġu meqjusa bħala riskju sistemiku u konsegwentement jolqtu l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur minqux fl-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jissottolinja l-importanza ta' sorveljanza u infurzar effettivi tal-qafas regolatorju Ewropew, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-AVMSD, b'rabta mal-komunikazzjonijiet kummerċjali online, bil-għan li jiġi ssalvagwardjat il-benesseri tal-konsumaturi u jitnaqqas ir-riskju ta' ħsara finanzjarja online;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-qafas legali Ewropew relatat mal-influwenzaturi, inklużi l-finfluencers, biex tiżgura l-ogħla standards ta' protezzjoni tal-utent u tal-konsumatur, b'mod partikolari għall-minorenni u għall-utenti vulnerabbli, u, jekk jitqies meħtieġ, tipproponi dispożizzjonijiet immirati fl-Att dwar l-Ekwità Diġitali u r-reviżjoni tal-AVMSD, filwaqt li tiżgura li dawn l-istrumenti jikkomplementaw għalkollox u huma allinjati ma' xulxin u filwaqt li jiġu rikonoxxuti mudelli ġodda ta' konsum tal-informazzjoni fost l-utenti;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14d. Jissottolinja l-importanza ta' standards deontoloġiċi u etiċi għall-finfluencers, kif ukoll għad-ditti li jikkooperaw magħhom, minħabba l-impatt fuq il-benesseri finanzjarju tal-udjenzi tagħhom; jappella għall-iżvilupp

	ulterjuri ta' mekkaniżmi awtoregolatorji, inklużi linji gwida deontoloġiċi u etiċi għall-finfluencers; jenfasizza li tali strumenti, żviluppati f'kooperazzjoni mar-regolaturi rilevanti, għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-komunikazzjoni dwar il-prodotti finanzjarji, inkluż billi jirrikjedu lill-finfluencers jipprovdu informazzjoni faċli li tinftiehem dwar ir-riskji finanzjarji potenzjali, l-esternalitajiet negattivi u s-sostenibbiltà tal-prodotti li jkunu qed jippromwovu;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-pjattaformi ***jkomplu*** jippromwovu ***kanali edukattivi prominenti u leġittimi*** dwar il-litteriżmu finanzjarju u jtenni l-importanza li jiġu implimentati karatteristiċi innovattivi ***fil-qasam tat-tikkettar*** tal-komunikazzjonijiet kummerċjali, tas-soluzzjonijiet ta' twissija dwar ir-riskji u tal-proċeduri rapidi ta' notifika u azzjoni kontra kontenut illegali jew kontenut li jkun ċar li jagħmel ħsara;	15. Jistieden lill-pjattaformi ***online*** jippromwovu ***kontenut edukattiv affidabbli*** dwar il-litteriżmu finanzjarju u jtenni l-importanza li jiġu implimentati ***aktar*** karatteristiċi innovattivi ***fit-trasparenza u t-tikkettar*** tal-komunikazzjonijiet kummerċjali, ***soluzzjonijiet*** ta' twissija dwar ir-riskji u ***proċeduri*** rapidi ta' notifika u azzjoni kontra kontenut illegali jew li jagħmel ħsara***, f'konformità mal-liġi attwali tal-UE***;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' programmi edukattivi għall-finfluencers biex jiġi żgurat li jifhmu bis-sħiħ l-oqfsa legali applikabbli, l-istandards etiċi u l-obbligi ta' trasparenza u divulgazzjoni, u l-importanza li jikkomunikaw, b'mod ċar u bbilanċjat, kemm il-benefiċċji kif ukoll ir-riskji tal-prodotti jew servizzi li

	jippromwovu; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, inkluż l-istabbiliment ta' Ċentru Legali tal-Influwenzaturi; jistieden ukoll lill-Istati Membri jippromwovu t-taħriġ għall-finfluencers dwar ir-regoli legali u l-istandards etiċi li jridu jsegwu meta jippromwovu l-prodotti finanzjarji;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jissottolinja r-responsabbiltà soċjali tal-finfluencers u l-kontribut siewi tagħhom biex jiżdiedu l-livelli ta' litteriżmu finanzjarju; jistieden, ***għalhekk, lil dawn l-atturi diġitali*** jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-Istrateġija Finanzjarja Ewropea, u jipparteċipaw fl-avvenimenti u l-inizjattivi promossi mill-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri, filwaqt li jikkonformaw mal-ogħla standards ta' indipendenza ***u*** trasparenza;	16. Jissottolinja r-responsabbiltà soċjali tal-finfluencers u l-kontribut siewi tagħhom biex jiżdiedu l-livelli ta' litteriżmu finanzjarju; jistieden ***lill-finfluencers*** jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-Istrateġija Finanzjarja Ewropea, u jipparteċipaw fl-avvenimenti u l-inizjattivi promossi mill-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri, filwaqt li jikkonformaw mal-ogħla standards ta' indipendenza***,*** trasparenza ***u ħarsien tal-konsumatur***;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jiddikjara d-disponibbiltà tiegħu biex jgħin fl-evalwazzjoni tal-valur miżjud ***tal-gwida*** tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet ***tal-finfluencers***, minħabba l-impatt potenzjalment negattiv tar-reklamar ta' prodotti riskjużi u tal-pariri mhux ivverifikati jew qarrieqa promossi minn xi atturi, mingħajr l-obbligu ta' rendikont xieraq;	17. Jiddikjara d-disponibbiltà tiegħu biex jgħin fl-evalwazzjoni tal-valur miżjud ***tal-qafas*** tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet ***kummerċjali għall-finfluencers***, minħabba l-impatt potenzjalment negattiv tar-reklamar ta' prodotti riskjużi u tal-pariri mhux ivverifikati jew qarrieqa promossi minn xi atturi, mingħajr l-obbligu ta' rendikont xieraq;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jipproponi li l-Kummissjoni torganizza summit pan-Ewropew tal-finfluencers biex jiġu diskussi miżuri biex jissaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju fl-Ewropa u ***biex tiddiskuti kif dawn l-atturi diġitali għandhom jiġu regolati***;	18. Jipproponi li l-Kummissjoni torganizza summit pan-Ewropew tal-finfluencers biex jiġu diskussi miżuri biex jissaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju fl-Ewropa u ***biex jiġi analizzat kif dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv biex inebbħu liż-żgħażagħ biex jitgħallmu dwar il-finanzi personali; jipproponi l-involviment tal-għalliema, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, l-akkademja, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali, sabiex tiġi skambjata l-aħjar prattika dwar il-litteriżmu medjatiku u finanzjarju u jiġu diskussi għażliet ta' politika proporzjonati***;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom l-obbligu, skont l-AVMSD, li jippromwovu u jieħdu miżuri għall-iżvilupp tal-ħiliet fil-litteriżmu tal-media u li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni; iħeġġeġ lir-regolaturi tal-media nazzjonali jinkludu suġġetti marbuta mal-litteriżmu finanzjarju u l-finfluencers meta japplikaw il-miżuri tagħhom immirati lejn l-iżvilupp tal-ħiliet fil-litteriżmu tal-media;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

18b. Jistieden lill-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media u lill-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali biex jipprovdu aktar gwida dwar azzjonijiet possibbli bl-għan li jżidu l-litteriżmu diġitali u tal-media, inkluż attivitajiet relatati mal-influencers, u biex b'mod kontinwu jieħdu azzjonijiet koordinati mfassla biex jimminimizzaw ir-riskju li l-utenti jsiru vittmi ta' scams finanzjarji jew komunikazzjonijiet kummerċjali bil-moħbi relatati ma' servizzi finanzjarji jew ta' investiment;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha li fir-rapport tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	27.1.2026		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+	:	19
	-	:	4
	0	:	4

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

19	+
PPE	Loucas Fourlas, Suncana Glavak, Lukasz Kohut, Giusi Princi, Manuela Ripa, Zoltán Tarr, Adrián Vázquez Lázara, Milan Zver
Renew	Laurence Farreng, Hristo Petrov, Eugen Tomac
S&D	Gabriela Firea, Maria Guzenina, Hannes Heide, Sabrina Repp, Sandro Ruotolo, Joanna Scheuring-Wielgus
Verts/ALE	Diana Riba i Giner, Nela Riehl

4	-
ECR	Chiara Gemma, Marco Squarta, Ivaylo Valchev
ESN	Zsuzsanna Borvendég

4	0
PfE	Pál Szekeres, Annamária Vicsek
The Left	Mario Furore, Anthony Smith

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni